MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 362/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. R. Aquilina)**
**Vs**
**Dolores Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-25 t'Awissu, 2005, ghall-habta ta' 3.00 ta' filghodu, gewwa Triq iz-Zenqa, Naxxar u f'dawn il-Gzejjer :-

1. bil-hsieb li taghmel hsara lil Michael Camilleri ID 665556(M), akkuzat lil din il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija innocenti ghall-fatt biss li tkun akkuzatu;

2. bejn il-15 t'Awissu u l-25 t'Awissu, 2005, b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, w li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita' jedd li

tippretendi li ghandha, gieghlet bl-awtorita' taghha nnifisha, lil xi hadd ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklet lil Michael Camilleri ID 665556(M) fil-pussess ta' hwejjgu, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlet fi hwejjeg haddiehor;
3. fil-25 t'Awissu, 2005, ghall-habta ta' 3.00 ta' filghodu, bil-lejl, kisret il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbet kontra Michael Camilleri ID 665556(M) sabiex tingurjah, iddejjqu jew taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra ta' dan il-Kodici.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Novembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikoli 101(1)(a), 85, 18, 338(m)(dd) u 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-appellanti hatja tat-tielet, ir-raba' w il-hames imputazzjoni w ghaldaqstant illiberataha minnhom. Sabitha hatja tal-ewwel w it-tieni imputazzjoni w ikkundannataha terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat, inoltre, ai termini tal-artikolu 377(5) tal-Kap. 9, lill-appellanti sabiex tirritorna lura l-oggetti mehuda mill-ufficju ta' Michael Camilleri, li b'hekk ghandu jitqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma bata l-ispoll, u dan kif ipprovdut fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 85(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ordnat ulterjorment li l-oggetti maqbuda mill-Pulizija w esebiti f'dawn l-atti jigu rilaxxjati w jinghataw lura lill-proprjetarju legittimu taghhom.
Il-Qorti fissret il-portata ta' din is-sentenza lill-appellanti.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-9 ta' Dicembru, 2008, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberataha mit-tielet, ir-raba' w il-hames akkuza, tvarjaha in kwantu sabitha hatja ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba kontra taghha,

w tiddikjaraha mhux hatja ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontriha, w tilliberaha min kull piena w htija skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Fir-rigward tal-ewwel akkuza ta' rapport falz, din tirrigwarda kemm ir-rapport ta' offiza ta' natura gravi kif ukoll rapport dwar materjali pedofilu fuq il-computer. Dwar ir-rapport ta' offizi ta' natura gravi, dawn l-offizi irrizultaw u gew certifikati. Hi qatt ma akkuzat lil zewgha li sawwatha imma fl-ewwel stqarrija taghha ddeskriviet li kif hadilha l-*handbag* minn idha w kif fir-rissa w taqtiegha li segwiet, hi sofriet il-griehi in kwistjoni. Weggghat ghax waqghet mal-art u weggghat saqajha w ma setghetx timxi fuqha. Qalet li zewgha kien beda ukoll jipprova johdilha l-*mobile* li kien f' idejha u b' hekk weggghat ir-"*wrist*" taghha. Ghad-domanda li saritilha kienet wiegbet kategorikament: "*Le. Ma sawwatnix."..''Qatt ma gew mis-swat. Mill-istruggle tad-disperazzjoni li kellu biex johodli l-pouch u l-mobile."* Kien is-Surgent tal-Pulizija li dahhal l-okkorrenza tnax il-siegha wara r-rapport tal-appellant b' Ingliz fqir ghall-ahhar, li ttraduca il-kelma: *"weggghani*" bil-frazi "*beaten up".* Ukoll fit-tieni stqarrija taghha, l-appellanti kienet qalet: "*swat bhala daqqiet le, pero' b' li ghamel kien goff mieghi u aggressiv."* Ghalhekk l-appellanti zgur li ma akkuzatx lil zewgha falz f' dar-rigward.

Ghar-rigward tar-rapport falz dwar pedofilija jirrizulta mill-ewwel stqarrija taghha li kienet ghaddiet il-computer ta' zewgha lill-Pulizija minn jeddha, wara li qaltilhom li kellha informazzjoni mill-investigatrici privata Grace Gatt illi dan kien fih materjal pornografiku. Hi kellha ragun li temminha ghax kienet taf li zewgha kien jinteressa ruhu f' materjal pornografiku w *bondage* u fl-ufficcju tieghu kienet sabet materjal pornografiku. Meta giet mistoqsija sabitx materjal tat-tfal, l-appellant kienet wiegbet *"Le tat-tfal. Ezattament ma nafx nghid imma illi huma in their teens." "minn thirteen sa nineteen."* Pero' dejjem qalet li hi ma tifhimx fil-

computer u ma kienetx rat il-kontenut tal-computer ta' zewgha b' ghajnejha, izda kienet qed tistrieh fuq dak li kienet qaltilha Gatt, li kienet ezaminat l-istess computer tramite espert minnha inkarigat. Hi kienet *in buona fede* meta hadet hi stess il-computer ghand il-Pulizija sabiex jezaminawh. Mhux korrett dak li qalet l-Ewwel Qorti li l-oneru tal-investigazzjoni jinkombi fuq min jaghmel rapport ta' agir illegali w mhux fuq il-Pulizija w meta qalet li l-appellanti kienet hatja ghax kien imessha vverifikat sew l-affarijiet. Ghalhekk din l-akkuza ma treggix lanqas f' dar-rigward.

Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza ta' *ragion fattasi*, l-appellant kienet agixxiet fuq il-parir tal-istess investigatrici Gatt li tata parir li zewgha ma kellux dritt izomm kamra imsakkra fid-dar konjugali li kienet proprjeta' parafernali taghha, kif ukoll li kellha dritt tara x' kien fih il-computer li, wara kollox, kellha sehem ta' nofs indiviz minnu. Ghalhekk meta accediet ghal din il-kamra ma kellhiex il-*mens rea* sabiex jigi kommess dar-rat. Kien nieqes l-element tal-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di braccio privato* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika. Qatt ma ghaddhiela minn rasha li biex tiftah kamra fid-dar taghha stess, kienet tinhtieg xi permess minn xi awtorita' pubblika. Ghalhekk ma setghetx tinstab hatja ta' dan ir-reat.

Il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet eccessiva w kien hemm mizuri aktar konsiljabbli w indikati f' dan il-kaz, bhal *conditional discharge, probation order* jew piena pekunjarja. L-appellanti ghandha 55 sena w fedina penali assolutament netta.

Semghet it-trattazzjoni fl-udjenza tat-12 ta' Frar, 2009;

Ikkonsidrat;

Illi l-aggravji dwar il-mertu necessarjament jimplikaw ezami w revizjoni tal-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sejbien ta' htija tal-ewwel zewg imputazzjonijiet. Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-

gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawla setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *"safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi.

Din il-Qorti proprju ghamlet dan l-ezami biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx ragonevolment u legalment issib htija tal-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Illi l-provi traskritti jistghu jigu sintetizzzati kif gej:-

Fil-kors ta' proceduri ghas-separazzjoni bejn l-appellanti w zewgha Michael Camilleri, l-appellanti, fis-sena 2005, kienet inkarigat investigatrici privata, certa Grace Gatt biex tara jekk zewgha kienx qed imur ma xi mara ohra. Zewgha kien ghalaq kamra wahda fid-dar taghhom b' katnazz u kien juzha bhala ufficcju. Fuq ordni tal-appellanti, Grace Gatt, meta Michael Camilleri kien imsiefer, kienet dahlet f' din il-kamra w hadet il-computer u xi effetti ohra ta' Michael Camilleri. Gatt kenet qalet lill-appellanti li meta bl-ghajnuna ta' espert, kienet ezaminat il-computer, kienet sabet li kien fih materjal pornografiku, anki dwar *"teens".* Meta fil-25 t' Awwissu, 2005 zewgha gie lura mis-safar, induna li martu kienet dahliltu f' din il-kamra w sab il-computer nieqes. Ghal xit-3 am. qam argument bejnithom li fil-kors tieghu hadilha l-kelba w telaq. It-tnejn marru lejn l-ghassa tan-Naxxar, l-appellanti bil-mixi w zewgha bil-car.

Waqt li l-appellant kienet qed tistenna barra l-ghassa biex jigi xi pulizija jiftaha biex hi taghmel ir-rapport taghha, wasal zewgha w hatfilha l-*handbag* u telaq bih. Hi ppruvat tissara mieghu biex tiehdu lura w griet warajh w waqt li qed taghmel dan, waqghet u kisret xi swaba ta' saqajha w fekket il-polz. Waslu l-Pulizija w sabu lill-appellanti mugghuha w hadu r-rapport minn ghandha bil-Malti w wara hi marret l-Isptar ma ohtha.

Dak in-nhar stess l-appellanti hadet il-computer ghand il-Vice Squad fuq parir ta' Grace Gatt biex tirraporta l-materjal pornografku. Spjegat lill-Ispetturi Raymond Aquilina w Victor Aquilina x' kien gara ma tul il-lejl ta' qabel fi stqarrija. La f' dik l-istqarrija w lanqas f' ohra sussegwenti pero' ma allegat li l-offizi li sofriet kienu rizultat ta' swat minn zewgha. Kienet ukoll allegat li l-pornografija fil-computar kienet tirrigwarda *teens* imma mhux tfal. Wara pero' irrizulta lill-Pulizija li l-computer ma kienx fih materjal pornografiku dwar tfal.

Ikkonsidrat;

L-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija dwar ir-reat ta' kalunja mertu tal-ewwel imputazzjoni.

Illi l-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali johloq ir-reat tal-kalunja w cioe' ta' min, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b' reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti w, ghal fatt biss li jkun hekk akkuzha, jehel il-pieni stabbiliti fis-sub incizi (a), (b) u ( c ) tal-istess artikolu, li jvarjaw skond il-gravita' w il-piena attinenti ghar-reat li bih ikun akkuza lil dik il-persuna.

Dar-reat li jaqa' taht il-kategorija ta' reati li huma kalkolati li jfixklu jew jimpedixxu l-amministrazzjoni tal-gustizzja fih tlitt elementi kostituttivi:- l. L-akkuza maghmula lill-awtorita' kompetenti; 2. L-intenzjoni li ssir hsara lill-persuna li kontra taghha ssir l-akkuza; u 3. Li jkun hemm ix-xjenza, da parti tal-persuna li qed takkuza, tal-innocenza tal-persuna hekk minnha akkuzata.

Il-hsara li tirrikjedi l-ligi fit-tieni element hija dik li l-persuna akkuzata tigi assogettata ghall-possibilita' li jittiehdu proceduri kriminali kontra taghha. L-intenzjoni li ssir hsara lill-persuna akkuzata ma tistax tigi prezunta semplicement mill-fatt li sussegwentement jirrizulta li l-persuna hekk akkuzata tinstab innocenti ta' dik l-akkuza. Il-ligi trid tippunixxi lill-akkuzatur li jkun agixxa *in mala fede* u hu bizzejjed biex persuna tigi ezonerata mir-reat ta' kalunja jekk kellha raguni biex temmen jew almenu tissuspetta li l-

persuna akkuzata kienet hatja tal-fatt li bih tkun qed tigi akkuzata.

L-element formali jew intenzjonali specifiku tar-reat in dizamina hu proprju x-xjenza f' mohh min jakkuza tal-innocenza tal-persuna li tkun qed tigi akkuzata. Din ix-xjenza tal-innocenza tal-persuna akkuzata trid pero' tkun certa, sabiex min ikun qed jakkuza jkun jista' jitqies li jkun ghamel l-akkuza deliberatament u malizzjozament. Il-falsita' tal-akkuza minghajr din ix-xjenza ma hix bizzejjed biex jissussisti r-reat in dizamina. Ghaliex persuna tista' takkuza persuna ohra b' reat ghax genwinament tkun temmen li hi hatja tieghu.

Kif jghid il-**CARRARA** (Programma. Parte Speciale ; para 2623) :-

"*La calunnia criminalmente perseguibile e' oggi soltanto la manifestissima. Bisogna cioe' che non solo l' accusato abbia chiarito l' innocenza propria, ma di piu' che sia dimostrata nell' offeso che lo denunzio' come autore del delitto la cognizione di tale innocenza. Qualunque causa di giusta' credulita' sara' bastevole ad esonerare dal rimprovero di calunnia un offeso che erroniamente sebbene con troppa precipitazione si persuase che l' autore del delitto da lui patito fosse chi realmente non lo era."*

Inoltre, x-xjenza tal-innocenza tal-persuna akkuzata trid tissussisti fil-hin u fil-mument meta tkun qed issir id-denunzja jew rapport jew kwerela. Ix-xjenza tal-innocenza li tigi akkwizita wara w sussegwentement ma tirrendix lill-akkuzatur hati tar-reat ta' kalunnja.

Ikkonsidrat;

Illi konsidrati fid-dawl ta' dawn il-principji ta' dritt, il-provi dwar l-ewwel imputazzjoni jhallu certu *"lurking doubt"* dwar x' gie rapportat ezatt mill-imputata appellanti lis-Surgent Zammit fl-ghassa tan-Naxxar ftit wara l-incident tat-3 am. u cioe' jekk l-appellanti kienetx irraportat li giet imsawwtha minn zewgha jew semplicement jekk kienetx

weggghet waqt l-alterkazzjoni li kellha ma zewgha meta dan hatfilha l-basket u marret tigri warajh biex tiehdu lura. Irrizulta li l-incident *"ut sic"* kien wiehed pjuttost konfuz fih innifsu w fil-waqt li l-appellanti tat verzjoni tieghu, zewgha ta verzjoni kemmxejn differenti. Ghalkemm hu minnu li dan l-incident gie kollu kemm hu provokat minn zewgha li mar fuqha w bla kliem u bla sliem hatfilha l-handbag taghha w telaq bih lejn il-karozza ta' siehbu  w li f' xi hin il-partijiet issaraw ghall-pussess tal-handbag u tal-mobile phone tal-appellanti li zewgha ried ukoll johdilha, jidher li dak li attwalment gara kien li l-appellanti wegghghet meta waqghet fil-bankina w kien dak il-hin li kisret subghajha ta' riglejha, kif del resto accettat hi stess. Hemm ukoll divergenza dwar kif kisret jew fekket idejha, ghax fil-waqt li hi tghid li dan gara meta qed tissara ma zewgha biex ma johdilhiex il-mobile phone, zewgha, fil-linji difensjonali tieghu fl-ewwel lok iqajjem dubju kemm hu veru li kienet weggghet idejha w fit-tieni lok jinsinwa li dan gara meta waqghet mal-art waqt li qed tigri warajh. Jibqa' pero' l-fatt li l-appellanti tinsisti li kienet qalet lil PS Zammit li kienet wegghet waqt l-incident, mentri Zammit xehed li qaltlu li taha xebgha zewgha.

Issa li kien gara l-incident u li l-appellanti w zewgha gew f' kuntatt ma xulxin mhux kontestat. Li hadilha l-handbag u pprova ukoll johdilha l-mobile phone zewgha ukoll jirrizulta w mhux kontestat. Jirrizulta ukoll li l-appellanti verament kellha fratturi tas-swaba tas-saqajn bhala rizultat ta' dan l-incident (ara certifikat a fol. 20 sussegwentement konfermat bil-gurament minn Dr. Konrad Borg ta' St. Luke's Hospital) u ghalhekk fir-rapport li ghamlet *a tempo vergine* ma kienetx qed tivventa jew tiffabrika xi storja.  Id-divergenza bejn il-verzjoni taghha w dik tas-Surgent tohloq fic-cirkostanzi certu ammont ta' dubju dettat mir-raguni w dan irid dejjem imur favur l-appellanti.

Umbaghad ghar-rigward tal-istess incident fl-istqarrija li l-appellanti ghamlet fil-prezenza tal-Ispettur Raymond Aquilina dak in-nhar stess wara nofsinhar, l-appellanti kienet kategorika li f' ebda hin ma kien sawwatha zewgha waqt l-incident. Mistoqsija mill-ispettur :-

*"Igifieri fl-ebda hin hu ma aggrediek u qabad jaghtik?"*

wiegbet: *"Le. Ma sawwatnix. Li kien aggressive mieghi iva…."*

U ghad-domanda : *"Igifieri l-griehi li garrabt ma kienux gejjin minn swat li ghamillek Michael?"*

Wiegbet : *"Qatt ma gew minn swat. Mill-istruggle tad-desperazzjoni li kellu biex joholdli l-pouch u l-mobile."*

Ghalhekk ma jistax jintqal li meta marret ghand l-Ispettur l-appellanti ipprovat takkolla xi responsabbilta' zejda ghall-offizi li sofriet lil zewgha aktar milli fil-fatt dawk li setghu irrizultaw mill-incident u cioe' waqt li qed tigri wara zewgha. Di fatti bi twegiba ghal domanda ohra qalet:-

*"Grejt warajh u jiena ippruvajt naqbdu. Hu fetah il-bieba tal-karozza u hemmhekk jiena waqajt mal-art…"*

Ghalhekk ma jirrizultawx l-elementi tar-rapport falz dwar l-incident li gara quddiem l-ghassa tan-Naxxar ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

Illi ghar-rigward tal-kaz l-iehor tal-kalunja w cioe' dak li jirrigwarda l-allegazzjoni ta' pornografija fil-computer ta' zewgha li hi stess marret bih ghand il-Pulizija w talbithom jinvestigawh, id-divergenza li tezisti fil-provi hija jekk l-appellanti kienetx indikat li fih kien hemm pornografija tat-tfal, jew pornografija possibilment tat-tfal jew pornografija fejn kienu involuti "*teens"*.

Illi meta xehed l-ewwel darba a fol. 50 sa 53, PS Zammit ma semma xejn dwar ir-rapport dwar il-porngrafija, pero' esebixxa l-okkorrenzi tar-rapport li kien ghamel zewgha (Dok. AZ 1) u dak li kienet ghamlet l-appellanti (Dok. AZ 2.) Fit-tieni okkorrenza a fol. 57 hemm imnizzel:-

*"Complt. Also added that she had took his computer because he has pornografic material in it and that he wanted to report him .."* (Sic!)

Mela, meta ghamlet ir-rapport inizjali lis-Surgent kmieni filghodu tal-25 t' Awwissu 2005, ma jirrizultax li ssemmiet mill-appellanti pornografija tat-tfal.

Umbaghad, fl-ewwel stqarrija taghha lill-Ispettur wara nofs inhar tal-istess jum, meta giet biex titkellem dwar il-kontenut tal-computer li kienet hadet hi stess lill-Pulizija biex jinvestigawh, qalet hekk:-

*"Billi jien kelli hints u tipping minnghand nies li qed jghaddi u imexxi affarijiet pornografici plus apparti ghandu hafna materjal pornografiku fuq CD's, Videos u naf li ghandu bagalja shiha ta' dan it-tip ta' materjal."…."Ilni li sirt naf l-interess tieghu fil-pornografija meta morna noqghodu wahedna gewwa San Pawl tat-Targa u bdejt ninduna li iffissat fuqha l-pornografija."* Mistoqsija x' tip ta' pornografija, wiegbet : *"Mostly bondage. Jiena rajt l-ismijiet u front page tal-Videos u CD's. Meta tkixxift x' tip ta' pornografija hi, qaluli li din tissejjah Goticu BD."*

Mistoqsija espressament mill-Ispettur Aquilina : *"Meta dhalt fil-kamra tieghu, sibt affarijiet pornografici tat-tfal?"*

Wiegbet : *"Le tat-tfal. Ezattament ma nafx nghid imma nghid li "huma in their teens".*

Mela hawn, jekk stess din l-istqarrija ghandha jew tista' titqies bhala rapport jew denunzja, imkien ma jirrizulta li l-appellanti ghamlet xi rapport dwar *child pornography "ut sic"* kif issa trid issostni l-prosekuzzjoni w l-parte civile.

Kienet biss qed tirraporta li ghandha suspett li kien hemm pornografija fil-computer, kif del resto dahhlitilha f' mohha il-*private investigator* Grace Gatt li kien qabbdilha l-Avukat taghha Dr. Thake.

Issa jekk il-pussess ta' pornografija adulta fil-privat m'ghadux reat u jekk il-Pulizija mill-analisi tal-computer li ghamlu, ma sabux pornografija tat-tfal, dan ma jirrendix dan is-suspett bhala rapport falz. Fl-ewwel kaz ma jkunx hemm id-denunzja ta' reat li hu l-ewwel element tar-reat ta' kalunja. Fit-tieni kaz, ma jirrizultax li l-Ispettur li

analizza il-computer qaghadx ukoll jikkonstata li fost it-tfajliet li jidhru fil-computer kienx hemm tfajliet li qabzu l-puberta' izda li kien ghadhom taht l-eta', b' mod li allura jkun hemm ir-reat kontemplat fl-artikolu 208A. Jidher li t-tfittxija saret biss ghat-tfal. Issa kullhadd jaf kemm hu difficli jekk mhux addirittura impossibbli li minn semplici film jew ritratt tistabilixxi jekk tfajla tkunx ghandha aktar minn tmintax il-sena jew ftit inqas. Ghalhekk meta l-appellanti semmiet *"teens*", li jikkomprendu zaghzagh ta' bejn l-eta' ta' tlettax sa dsatax il-sena, setghet wara kollox kienet korretta w dan ma gie eskluz minn ebda prova.

Jekk umbaghad it-tieni stqarrija tista' bi xi mod tigi meqjusa bhala rapport - u din il-Qorti ma tarax li ghandha titqies bhala tali ghax hawn jidher car li l-appellanti kienet qed tigi issa investigata hi stess - anki hawn hi qatt ma semmiet pornografija tat-tfal, izda ikkonfermat li skond l-informazzjoni li kellha mill-investigator, il-computer kien fih pornografija tal-kbar kif ukoll *"teens*".

Ghalhekk din il-Qorti fid-dawl tal-gurisprudenza citata, la tara li jirrizultaw l-elementi tal-kalunja fir-rapport jew rapporti dwar l-incident ta' barra l-ghassa tan-Naxxar u lanqas dwar ir-rapport ta' xi pornografija li seta' kien hemm fil-computer, li wara kollox hadet ghand l-Pulizija hi stess biex janalizzawh, peress li hi ma kienetx rat il-materjal ta' go fih hi stess imma kienet qed tagixxi fuq l-informazzjoni li tatha is-suppost *"private investigator"* Grace Gatt, li, a sua volta, qaltilha x' kien sab is-suppost espert li kienet inkarigat din tal-ahhar.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar din l-imputazzjoni w l-konkluzzjoni tal-htija minnha raggunta ma kienx wiehed *"safe and satisfactory".* Konsegwentement l-appellanti ghandha ragun f' dan l-aggravju taghha w ghandha tigi liberata minn din l-imputazzjoni.

Ikkonsidrat;

Mhux l-istess pero' fir-rigward tar-reat ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, li jaqa' taht it-tieni

imputazzjoni. Il-gurisprudenza nostrana in materia hi li l-elementi ta' dar-reat huma erba w cioe' :-

(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta’ dan il-hadd iehor;
(b) il-kredenza li l-att qed isir b’ezercizzju ta’ dritt;
(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel “*di privato braccio”* dak li jmissu jsir permezz ta’ l-awtorita’ pubblika ; w
(d) n-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (Ara. App. Krim. “**Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia”** [17.2.95]; **“Il-Pulizija vs. Reno Micallef” [**6.6.1995]; **“Il-Pulizija vs. Mark John Schembri** [18.9.2002] u ohrajn).

Hawn irrizulta ampjament li zewgha, tajjeb jew hazing, kien sakkar il-kamra fid-dar konjugali li kien juza bhala ufficcju w fejn kien izomm hwejjeg personali tieghu kemm tax-xoghol kif ukoll tal-*hobbies* tieghu tal-fotografija artistika w kulltant anki *"kinky"* u ghal ragunijiet tieghu ma kien ihalli lil hadd jidhollu hemm lanqas lil martu li maghha kien ghaddej minn tilwim kontinwu w talbiet ghal separazzjoni bonarja. Meta hu siefer lejn ir-Russja, martu qabbdet lill-Private Investigor Gatt biex bl-ghajnuna ta' terz jisgassaw is-sokor li kien ghamel zewgha w kisbu access ghall-kamra projbita. Minn hemm gew kienu sahansitra elevaw u hadu maghhom diversi oggetti ta' zewgha inkluz il-computer fuq imsemmi. Meta zewgha gie lura mir-Russja darba minnhom f' nofs ta' lejl, intebah li kienu dahlulu fil-kamra w beda diverbju shih bejn l-appellanti w zewgha li zviluppa fl-incident li gara quddiem l-ghassa tan-Naxxar li gja ssemma in konnessjoni mal-ewwel aggravju. L-appellanti tghid li ghamlet dan il-pass fuq il-parir ta' Gatt li taf li kienet Pulizija w li kienet serrhitilha rasha li kellha dritt tisgassa w tidhol fil-kamra projbita, li wara kollox kienet go dar li kienet tappartjeni lil beni parafernali taghha, ghallinqas *ex contractu*.

Illi kienet x’kienet il-motivazzjoni tal-appellanti meta sgassat u kisbet l-access ghal din il-kamra imsakkra, anki jekk kienet motivata mir-ragunijiet fuq imsemmija, jibqa’ l-

fatt li hi ddisturbat l-*istato quo* li kien ilu jezisti ghal certu zmien u li dana ghamlitu b'mod unilaterali u "*di proprio braccio"* meta, se mai, jekk hassitha pregudikata jew aggravata b' dan is-sokor ta' kamra fid-dar konjugali, l-appellanti kien imissha rrikorriet quddiem il-Qorti Civili kompetenti biex tirregola l-materia. Il-fatt li l-appellanti ssostni li kellha dritt li taghmel dan ma jiskolpahiex imma anzi dan hu proprju wiehed mill-elementi kostituttivi tar-reat in dizamina kif fuq intqal. Il-fatt li z-zewg partijiet kienu jghixu fl-istess dar, sia pure fi stat ta' certu inkwiet u suspetti reciproci, lanqas kien jintitola lill-appellanti li unilateralment tagixxi kif agixxiet. Illi l-appellanti qatt ma tista' ssostni li kienet qed tagixxi in buona fede meta kienet qed teffettwa dan l-isgass bl-ghanuna ta' terzi imqabbda minnha. Kienet zgur konxja mill-oppozizzjoni, espressa u mhux biss prezunta ta' zewgha ghad-dhul taghha bi sgass f' dik il-kamra. Illi mbaghad anki jekk hi ma kienetx l-awtrici materjali tal-isgass kienet zgur komplici fir-reat a tenur tal-artikolu 42 (a) (b) u (e) tal-Kodici Kriminali w f' kull kaz meta dahlet hemm u elevat oggetti kienet zgur qed tagixxi ukoll bhala awtrici.

Ghalhekk dan l-aggravju dwar it-tieni imputazzjoni huwa infondat u qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravju sussidjarju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi varjata d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena (jew provvediment) erogata ikunu entro l-parametri tal-ligi w ma jkunux manifestament eccessivi fic-cirkostanzi.

F' dan il-kaz pero', in vista tal-konkluzzjoni raggunta dwar l-ewwel imputazzjoni f' din is-sentenza w, meta tqis il-fedina penali incensurata tal-appellanti w l-kontest kollu li fih graw il-fatti li taw lok ghar-reat ta' *ragion fattasi*, kif ukoll tal-pieni li solitament jinghataw mill-Qrati f' kazijiet analogi, jidher ferm opportun li jkun hemm temperament fil-piena erogata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament kif gej billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn illiberat lill-appellanti mit-tielet , ir-raba' w l-hames imputazzjoni, w fejn sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni ta' ragion fattasi u fejn ordnat li, ai termini tal-artikolu 377(5) tal-Kap. 9, l-appellanti tirritorna lura l-oggetti mehuda mill-ufficcju ta' Michael Camilleri, u li b' hekk ghandu jitqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma bata l-ispoll, kif ipprovdut fid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 85 (2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u fejn ordnat li l-oggetti maqbuda mill-Pulizija w esebiti fl-atti jigu rilaxxjati w jinghataw lura lill-proprjetarju legittimu taghhom u billi tirrevokaha fejn sabet lill-appellanti hatja tal-ewwel imputazzjoni w fejn ikkundannatha ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur sospizi ghal sentejn, ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta w, minnflok, tiddikjara lill-appellanti mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni ta' kalunja w minnha tilliberaha, u konsegwentement tikkunndannaha ghal mitejn u hamsin Ewro (€250) multa, li jekk ma tithallasx illum stess tigi konvertita f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi, bir-rata ta' Ewro 11.65c ghal kull jum prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------